# AVE CAESAR

J. P. Vassallo

Ħriġt darb'oħra fl-arena,
Nissielet fl-aħħar taqbida.
L-għagħa tal-poplu f'widnejja,
Fuq wiċċi tal-mewt it-theddida.

Kemm hu sabiħ is-sema,
Għażiża tax-xemx it-tgħanniqa.!
Il-basra li l-għożża titqaċċat
Timlieli ruħi bid-diqa.

Imfawra qalbi bl-almu,
Xotta minn qatra ta' semm.
Ix-xafra li xxoqqli lil qalbi
Ma ssibx ħlief wirt ta' demm.

Bħas-siġar li jmutu bil-wieqfa
Nixtieq immut jien ukoll.
Wiċċ imbwiċċ irrid nilqa' l-ħanina
Li r-rabta ta' ħajti għad tħoll.

Fl-għoli nar lil Ċesari
Bil-qima, bl-imħabba nitkellem
O Sid tal-mewt u tal-ħajja,
Bil-mewt fuq wiċċi nsellem.